# IL-LAQGĦA INFORMALI TAL-ECOFIN F'MALTA



**PROF. EDWARD SCICLUNA / *Ministru għall-Finanzi***



**Edward Scicluna flimkien mal-Ministri tal-Finanzi wara l-laqgħa tad-Djalogu tal-Finanzi 5+5 li saret ilbieraħ.** *[Ritratt: DOI]*

Wieħed beda jinnota, sew mit-televiżjoni, sew meta jkun dieħel il-Belt, li hawn aktar attività minn tas-soltu. Dan mhux biss minħabba t-turisti, iżda minħabba l-għadd ta' konferenzi, ministri, delegati, karozzi uffiċjali u pulizija li narawhom għaddejjin mit-toroq tal-belt kapitali tagħna.

Din l-attività kollha hi marbuta mal-fatt li, kif jaf kulħadd, fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena Malta għandha f'idejha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Però, l-effett ta' din il-Presidenza beda jinħass aktar issa, li dħalna verament fil-qalba tagħha.

Ta' min jgħid li minbarra laqgħat regolari fi Brussell u b'eċċezzjoni, fil-Lussemburgu, il-Ministri tal-istati membri tal-Unjoni – ngħidu aħna, tal-Affarijiet Barranin, Edukazzjoni, Ekonomija u Finanzi – jiltaqgħu darba fil-pajjiż li jkun qiegħed jagħmilha ta' President tal-Kunsill. Din il-ġimgħa jmiss lili, bħala Ministru għall-Finanzi ta' Malta, li jkolli l-unur li nilqa' f'pajjiżna lil 27 Ministru għall-Finanzi tal-istati membri kollha tal-Unjoni. Magħhom se jkun hawn ukoll fostna l-gvernaturi tal-bank ċentrali ta' dawn il-pajjiżi għal laqgħa informali tal-Kunsill għall-affarijiet ekonomiċi u monetarji (ECOFIN).

Għaldaqstant, tajjeb li nispjega xi tfisser laqgħa informali. Laqgħat informali jagħtu ċans lill-ministri li flok ma jiddiskutu, japprovaw u jgħaddu l-liġijiet huma jistgħu b'mod informali jiddiskutu suġġetti ta' natura pjuttost teknika, f'atmosfera kalma u rilassata, u jfasslu triq għall-futur.

Għal din il-laqgħa informali tal-ECOFIN li se tkun qed issir bejn illum u għada, bħala l-pajjiż li qegħdin norganizzaw il-laqgħa, aħna stajna nagħżlu s-suġġetti għall-aġenda ta' din il-laqgħa informali tal-ECOFIN li se tkun qiegħda ssir fil-Palazz, il-Belt.

Suġġett ewlieni jittratta l-banek u l-oqsma finanzjarji fejn aħna għażilna l-hekk imsejħa non performing loans.

Bosta drabi smajna dwar banek li sellfu l-flus lil kumpaniji f'diffikultà li mhux biss ma jħallsux l-imgħax imma jkun hemm ukoll ir-riskju li jfallu.

Dan ifisser li aktar ma bank ikollu persentaġġ għoli ta' self ta' dan it-tip – kif fil-fatt ġara f'ħafna banek fl-Italja – aktar ikun hemm periklu għalihom għax la jirċievu l-imgħax u lanqas jieħdu lura l-kapital.

Naturalment dan iwassal għal telf ta' miljuni kbar – ħaġa li ġġib lil dawn il-banek għarkopptejhom. Sitwazzjoni bħal din f'banek Ewropej u f'banek internazzjonali twassal għal inkwiet kbir.

Hawn ta' min jgħid li anke l-G20 qiegħed jiffoka fuq dan is-suġġett u aħna dehrilna li ħaġa tajba li nqajmuh ukoll fil-laqgħa tal-ECOFIN ta' Malta.

Suġġett ieħor li jappella ħafna fiż-żminijiet tal-lum hu marbut mal-futur tal-Ewropa. Ftit jiem ilu l-President Junker ressaq *white paper* fuq is-suġġett, u aħna se niddiksutu l-parti li l-aktar tikkonċerna lilna.

F'dan il-kuntest aħna qegħdin nistaqsu: l-unjoni monetarja xi tfisser għalina? Fejn nixtiequha tmur? X'inhuma d-diffikultajiet li minn banda l-pajjiżi jridu jżommu s-sovranità u minnaħa l-oħra jridu kordinazzjoni biex l-Ewro tissaħħaħ.

Suġġett ieħor li hu relevanti għalina kif ukoll għal pajjiżi oħra hu t-taxxa. Kulħadd jitkellem dwar il-ħtieġa li ssir riforma tat-taxxa, li nwaqqgħu l-evażjoni u anke dik li ngħidulha *tax avoidance*, fi kliem ieħor evażjoni legali jew evitar tat-taxxa. Huwa minnu li għaddejna liġijiet u qegħdin ngħaddu aktar liġijiet f'dan il-qasam.

Però fl-istess ħin wieħed jagħraf li dan kollu jfisser taqlib għal kumpaniji u joħolqilhom l-inċertezza, li hija l-aħħar ħaġa li jixtiequ kumpaniji, għax bl-inċertezza, ma jinvestux.

Ebda investitur ma jkun lest jissogra flusu jekk ma jkunx jaf sew bil-quddiem it-taxxa kif se tolqtu u f'sitwazzjoni ta' inċertezza, l-investitur iżomm lura. Allura dan iwassal għal aktar qgħad fl-Ewropa b'rata li mhix aċċettabbli ta' għaxra fil-mija, jekk mhux iżjed ukoll.

L-aħħar suġġett li għażilna jikkonċerna l-Magreb, l-Afrika ta' Fuq hi l-bieb minn fejn jgħaddu ħafna emigranti li jkunu ġejjin minn pajjiżi li jinsabu 'l isfel mis-Sahara, u dawn jgħaddu minn Malta u mill-Italja għall-Ewropa. Dan joħloq problemi kbar.

Hawn mhux qegħdin nitkellmu dwar refuġjati iżda dwar emigranti ekonomiċi. Minħabba l-faqar kbir u l-għaks f'pajjiżhom, dawn lesti jissugraw ħajjithom u jippruvaw isibu ħajja ġdida u xorti aħjar fl-Ewropa.

Il-mod kif Malta nixtieq nindirizzaw din il-problema – u l-Prim Ministru tagħna diġà daħal fid-dettall fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja li attenda – hu li naslu fi ftehim ma' dawn il-pajjiżi biex kemm jista' jkun lil dawn l-emigranti ekonomiċi nilqgħulhom minn qabel – jiġifieri qabel ma huma jfittxu ħajja ġdida fl-Ewropa.

Irridu għalhekk infasslu pjan ekonomiku b'saħħtu biex ninkuraġġixxu kemm nifilħu l-investment privat f'dawn il-pajjiżi. Aħna nemmnu li jekk dawn il-pajjiżi nġibuhom fuq saqajhom permezz ta' investiment ġdid, dan għandu jwassal biex iż-żgħażagħ f'dawn il-pajjiżi ma jkollhomx għalfejn jitilqu minn pajjiżhom.

Ħadd ma jieħu gost iħalli pajjiżu, il-familja tiegħu u l-ambjent li fih ikun kiber. Imma jekk lil dawn iż-żgħażagħ jirnexxielna nagħtuhom tama ta' ġejjieni aħjar mibni fuq żvilupp ekonomiku, dan għandu jwassal biex l-emigrazzjoni minn dawn il-pajjiżi tonqos, u jonqsu anke l-problemi fl-Unjoni Ewropea.

Jien qed nistenna li dwar dawn is-suġġetti se jkollna diskussjoni serja. Ta' min jgħid ukoll li minbarra Ministri għall-Finanzi u gvernaturi tal-banek ċentrali, stedinna wkoll organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku (OECD), l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), il-European Securities and Markets Authority (ESMA) u l-European Insurance and Occupational Pensions Authority (EIOPA). Dawn huma organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali li huma interessati fis-suġġetti li se niddiskutu waqt l-ECOFIN. Se jiġu wkoll rappreżentanti tal-Bank Dinji, (World Bank), tal-International Bank for Reconstruction and Development (EBRD) u l-European Investment Bank (EIB) li ninsab ċert li se jagħtu kontribut siewi huma wkoll biex l-ECOFIN ta' Malta jkun suċċess.

Malta għandha biex tkun kburija li għandha l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE.

## Fejnhom l-awtoritajiet? Fejnhom il-pulizija?

Sur Editur,

Nixtieq permezz tal-ġurnal tiegħek L-ORIZZONT inġib għall-attenzjoni tal-awtoritajiet responsabbli d-diżappunt tiegħi fuq innuqqas gravi u flagranti ta' nfurzar li hawn f'dan il-pajjiż.

Nhar is-Sibt, 1 ta' April u din mhix cajta, sibt il-bieb tal-garaxx ta' blokk komunitarju fil-Qawra mblukkat b'karozza pparkjata eżatt quddiem id-daħla tal-garaxx. Kien hemm nies li nqabdu fil-garaxx u lanqas setgħu joħorgu bil-karozza tagħhom.

Infurmajt lill-pulizija binnumru ta' karozza li kienet qiegħda timblokka l-bieb tal-garaxx. Nifhem li l-pulizija ppruvat tiskopri min hu sidha, għalkemm nemmen li dan m'għandux ikun obbligu tal-pulizija.

It-tabelli li jindikaw *towing* f'każ bħal dan qegħdin għal xejn.

Jidher li għas-servizz tat-*towing*, il-pulizija għandha biss trakk wieħed stazzjonat il-Furjana.

Sid il-karozza li bl-ardir kollu mblokka l-garaxx għal sigħat sħaħ, b'detriment għalija u għal oħrajn, spiċċa telaq minn fuq il-post tard bil-lejl *scott free* għax jidher li lanqas ċitazzjoni ma ngħata!

Kif tista l-pulizija u l-awtorità tirbaħ il-fiduċja tal-pubbliku b'dan in-nuqqas ta' nfurzar flagranti min-naħa tal-pulizija.

Għax jekk dan il-proxxmu kien irresponsabbli li pparkja quddiem garaxx, daqstant ieħor kienu ineffettivi l-pulizija li xogħolhom hu li jinfurzaw il-liġi u jżommu l-ordni fil-pajjiż.

Il-gustizzja la qiegħda ssir u lanqas tidher li qiegħda ssir. Min jaf kieku kelli noħroġ mill-garaxx biex immur l-isptar x'kien jiġri?

RESIDENT FRUSTRAT,
Il-Qawra